# Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex
## L-Ewwel Sena Kindergarten 2025-2026 Applikanti li twieldu fis-sena 2022

1.0 Il-**Kriterji tad-Dħul** fl-iskejjel tal-Knisja huma skont din il-ġerarkija. Dan ifisser li l-ewwel jieħdu posthom tfal bil-kriterju 1a, imbagħad bil-kriterju 1b, eċċ.

Hemm xebħ u differenzi fl-applikazzjoni tal-Kriterji fl-ewwel sena kindergarten u fl-ewwel sena sekondarja, xi kriterji japplikaw fiż-żewġ livelli, pereżempju 1b, 1c u 1d, xi kriterji ma japplikawx fl-ewwel sena kindergarten, pereżempju il-1a u oħrajn ma japplikawx fl-ewwel sena sekondarja, pereżempju 1f. Hemm xi differenzi oħra.

Tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSE jiġu aċċettati mat-tfal l-oħra skont kull kriterju.

Il-ġenituri/ kustodji ta' tfal li għandhom statement għas-sapport ta' LSE jew li bdew il-proċess biex ikollhom is-sapport ta' LSE għandhom jippreżentaw id-dokumenti ta' statementing u / jew dokumenti relatati. Dawn id-dokumenti għandhom jiġu sottomessi jew waqt il-proċess tal-applikazzjoni inkella lill-iskola li jkunu nkitbu fiha sa mhux aktar tard mil-5 ta' April 2025.

1a **Tfal fis-sitt sena primarja ta' skola tal-Knisja f'Għawdex**. Dan ma japplikax fl-ewwel sena kindergarten imma japplika fl-ewwel sena sekondarja.

1b **Tfal tal-impjegati fl-istess skola.** Impjegati fi skola tal-knisja f'Għawdex jistgħu jirreġistraw lit-tfal tagħhom fl-istess skola fejn jgħallem il-ġenitur / kustodju.

Il-ġenitur / kustodju jrid ikun ġie impjegat *full-time* mal-iskola għall-anqas fl-ewwel parti tas-sena skolastika ta' qabel s-sena skolastika tad-dħul li jkun applika għaliha u jkun għadu mpjegat *full-time* ma' skola tal-knisja f'Għawdex meta tibda s-sena skolastika li jmiss.

1c **Aħwa fl-istess Skola.** Tfal li għandhom ħuthom f'xi skola primarja tal-Knisja f'Għawdex, fis-sena skolastika 2025-2026 jistgħu jidħlu fl-**<u>istess skola</u>** ta' ħuthom.

Huma eliġibli għal dan il-kriterju:

i. Aħwa, mill-istess ġenituri / kustodji u li jgħixu fl-istess dar u familja.

ii. Aħwa li għalkemm għandom ġenituri / kustodji komuni ma humiex jgħixu fl-istess dar u familja imma jqattgħu tal-anqas 20 siegħa flimkien fil-ġimgħa. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li trid issir miż-żewġ ġenituri/ kustodji fejn jindikaw is-sigħat fil-ġimgħa li t-tfal jgħixu flimkien fl-istess dar.

iii. Aħwa li għandhom ġenitur / kustodju komuni u li jqattgħu tal-anqas 20 siegħa flimkien fil-ġimgħa. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li trid issir mill-persuni li għandhom il-kura u l-kustodja tat-tfal fejn jindikaw is-sigħat fil-ġimgħa li t-tfal jgħixu flimkien fl-istess dar.

iv. Tfal li qed jitrabbew mill-istess adulti u li jgħixu fl-istess dar u familja. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li l-adulti qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal flimkien u jindikaw il-kawża raġjonevoli għal din is-sitwazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-Bord

tad-Dħul jiddetermina jekk il-kawża raġjonevoli li ġiet ippreżentata hix ġustifikata jew le.

v. Tfal adottati, jew tfal li għalihom hemm ftehim ta' fostering, u li qed jgħixu f'familja li fiha tfal oħra u li xi ħadd minn dawn it-tfal ikun jattendi skola tal-Knisja. Tfal adottati jew fostered jitqiesu bħala aħwa tat-tfal tal-familja li jkunu qed jgħixu fiha. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat iċ-Ċertifikat mill-aġenzija kompetenti li jindika li t-tifel jew it-tifla huma adottati jew hemm ftehim ta' fostering.

1d **Tfal ta' impjegati tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija u tfal tal-impjegati fis-Seminarju Minuri u fil-Konservatorju tal-Isqof Sekondarja** għandhom dritt jagħżlu waħda mill-iskejjel imsemmija f'numru 4.2.

1e **Każijiet Soċjali u tal-Ażil**. Jistgħu jaqgħu taħt din il-kategorija, tfal li qegħdin taħt *Care Order*. Ma jaqgħux taħt din il-kategorija dawk li bħala kawża jagħtu xi waħda biss minn dawn ir-raġunijiet: tfal minn ommijiet mhux miżżewġa; fejn jidħlu separazzjonijiet; tfal adottati; tfal li qegħdin f'foster families.

Jistgħu jiġu kkunsidrati każijiet ta' tfal li huma jew il-ġenituri / kustodji tagħhom qed ifittxu l-ażil. Minn dawn il-każijiet jistgħu jiġu aċċettati massimu ta' wieħed f'kull skola. L-applikanti huma mitluba jindikaw liema skola jixtiequ jattendu. F'każ li jkun hemm aktar minn applikant wieħed jew waħda tittella' polza bejniethom.

1f **Applikazzjonijiet Laura Vicuna.** Sa tliet studenti li għandhom **residenza u jgħixu** fl-Għasri u li ma jidħlux fil-kategoriji ta' hawn fuq (1a – 1e), għandhom dritt jidħlu fl-iskola *Laura Vicuna*. Jekk ikun hemm aktar applikanti titla' l-polza bejniethom. Min ma jidħolx b'dan il-kriterju jiġi nkluż mal-kriterju ta' "Applikanti Oħra".

Jekk fost l-applikanti jkun hemm xi aħwa (tewmin jew triplets) u xi ħadd minnhom imissu post, ħutu jingħataw post skont il-kriterju tal-aħwa. Il-postijiet ta' dawn l-aħwa ma jitnaqqsux mill-postijiet riservati għat-tfal mill-Għasri imma jitnaqqas mit-total ta' postijiet li offriet l-iskola Laura Vicuna.

1g **Dan il-kriterju m'għadux japplika.**

1h Applikanti li kienu eliġibli li japplikaw bi kriterji 1b – 1f u ma applikawx fi żmien stipulat jistgħu japplikaw bil-kriterju 1h **fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".**

Għal dan il-kriterju, 10 postijiet *mainstream* ser jiġu riżervati. Jekk ikun għad hemm disponibbilta' ta' postijiet fl-iskejjel li l-applikanti ta' kriterju 1h kienu eliġibli għalihom, huma jiġu rreġistrati fihom. F'każ li jkun hemm aktar minn 10 applikanti li applikaw taħt dan il-kriterju, tinżamm polza bejniethom u l-ewwel għaxra jieħdu l-post fl-iskola li kienu eliġibli għaliha.

Dawk li ma jiġux reġistrati fi skola permezz ta' din il-polza, jieħdu sehem fil-polza ġenerali bħala "Applikanti Oħra". Pero' jitqgħiedu ukoll fil-lista ta' stennija għall-iskola li kienu eliġibli għaliha qabel dawk tal-lista ta' stennija ġenerali, hekk kif indikat f'paragrafu 10.2.

Jekk ma jintużawx il-postijiet kollha li nżammu riżervati għal kriterju 1h, dawn jiżdiedu mat-total ta' postijiet li jkun fadal għall-polza ta' "Applikanti Oħra".

2.0 **"Applikanti Oħra"** għal postijiet li jkun fadal u dawn jintgħażlu permezz ta' polza.

2.1 "Applikanti Oħra" bis-sapport jew li jistà jkollhom is-sapport ta' LSE, jistgħu japplikaw bħala "Applikanti Oħra" kif hemm spjegat fl-ewwel paragrafu.

2.2 Fil-każ ta' "Applikanti Oħra" li jkunu tewmin, *triplets,* jew aħwa mwielda fl-istess sena, jekk jitla' wild, l-oħrajn awtomatikament jikkwalifikaw taħt il-kriterju tal-aħwa, sakemm ikun hemm post vakanti f'dik l-iskola.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

2.3 Importanti li jekk jinbidlu ċ-ċirkustanzi wara li ssir l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni, jiġi notifikat l-Uffiċċju tad-Dħul. Dan japplika kemm jekk applikant / applikanta jibda / tibda proċess is-CDAU, jew għand psikologu jew jiżviluppaw kundizzjonijiet mediċi bħal diabete, epilepsija eċċ, kif ukoll jekk jinbidel is-sapport jew jingħata s-sapport tal-LSE.

3.0 **Sena tat-Twelid.** Kull min japplika għal post irid ikun twieled fis-sena 2022. Il-Bord tad-Dħul jista' jilqa' talbiet ta' tfal li għal xi raġuni ma jkunux twieldu fis-sena indikata. F'dan il-każ il-ġenituri /kustodji għandhom jiktbu gozo.admissions@maltadiocese.org sa mhux aktar tard minn ħmistax –il jum minn meta ssir l-applikazzjoni, fejn għandu jiġi spjegat għaliex qiegħda ssir din it-talba. It-talba tiġi evalwata u tingħata deċiżjoni dwar il-każ. Kull deċiżjoni tal-Bord tiġi kkomunikata lill-ġenituri / kustodji.

3.1 It-tfal kollha li jidħlu fl-ewwel sena Kindergarten, għajr dawk bi bżonnijiet speċjali, iridu jkunu *toilet trained.*

4.0 **Skejjel u Postijiet Disponibbli**

4.1 In-**numru massimu ta' tfal Subien u Bniet** li jiġu ammessi f'Kinder 1 fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex huwa ta' 96, mqassma sa massimu ta' 24 student/a f'kull skola, kif indikat f'paragrafu 4.2.

4.2 L-iskejjel tal-ewwel sena Kindergarten huma:

**Bishop's Conservatory Junior School**, Kinder u Primarja, Victoria.

***Laura Vicuna***, tas-Sorijiet Salesjani, il-Kinder tinsab fil-belt Victoria. Il-Primarja tinsab l-Għasri.

***Saint Francis***, tas-Sorijiet Franġiskani, Kinder u Primarja, Victoria.

***Saint Theresa***, tas-Sorijiet Karmelitani, Kinder u Primarja, Ta' Kerċem.

4.3 It-tfal li jidħlu fl-ewwel sena Kindergarten fil-Konservatorju tal-Isqof, f' ta' Laura Vicuna, f' ta' St Francis Victoria u f' ta' St Theresa għandhom id-dritt, jekk iridu, li jkomplu telgħin fil-Klassijiet Primarji tal-istess skola, u wara fil-każ tas-subien fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù u fil-każ tal-bniet fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof.

5.0 **Proċess**

5.1 L-ewwel isiru l-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju 1b-1f.

5.2 Fl-applikazzjoni tal-kriterji 1b -1f l-ewwel jiġu aċċettati 1b, imbagħad 1c, eċċ. Meta jimtlew il-postijiet kollha ta' xi skola b'xi kriterju, tittella' polza bejn l-applikanti ta' dik l-iskola ta' dak il-kriterju. Pereżempju meta jkun hemm aktar applikanti bil-kriterju tal-aħwa għal xi skola milli jkun baqa' postijiet tittella' polza bejniethom. Dawk li jiġu tal-ewwel jinkitbu f'dik l-iskola u l-oħrajn jiġu nklużi mal-"Applikanti Oħra", tat-tieni kriterju.

5.3 Wara jiġu ppublikati fuq il-paġna tal-iskejjel tal-Knisja (www.knisja.mt) l-ismijiet tal-applikanti u l-iskola li jkunu rreġistraw fiha. **Jiġi ppublikat wkoll kemm baqa' postijiet f'kull skola.**

5.4 Wara jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal postijiet li jkun fadal (ta' Kriterju 2) u tal-applikanti li m'applikawx fiż-żmien stipulat (Kriterju 1h).

5.5 Jiġu ppublikati l-ismijiet ta' kull applikant / a.

5.6 Tittella' polza onlajn u jiġu ppublikati onlajn l-ismijiet skont ir-riżultat tal-polza.

5.7 Wara, f'data oħra, issir l-għażla ta' skola onlajn. Waqt is-sessjoni tal-għażla ta' skola, l-applikanti, skont ir-riżultat tal-polza, jagħżlu skola li għad fiha postijiet vakanti. Min jiġi l-ewwel jagħżel l-ewwel, wara t-tieni, eċċ.

6.0 **Applikazzjonijiet**

6.1 Il-ġenituri / kustodji jistgħu japplikaw għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja permezz ta' applikazzjoni onlajn.

6.2 **APPLIKAZZJONIJIET skont il-Kriterji 1b-1f:**

Tfal tal-Impjegati fl-Istess Skola
Aħwa fl-istess skola Primarja
Tfal tal-Impjegati tas-Segretarjat, tas-Seminarju Minuri u tal-Konservatorju Sekondarja
Każijiet Soċjali u tal-Ażil
Tfal residenti l-Għasri għal Laura Vicuna

- isiru onlajn fuq: https://church.mt/gozoapplications
- Mil-Ħamis 21 ta' Novembru sal-Ħamis 28 ta' Novembru 2024
- Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel fuq 22039360 f'dawn il-ħinijiet mit-9:00am sas-2:00pm fil-ġranet tal-applikazzjonijiet, jiġifieri mil-Ħamis 21 ta' Novembru sal-Ħamis 28 ta' Novembru 2024

6.3 **APPLIKAZZJONIJIET TARD skont il-Kriterji 1b-1f:**

- onlajn fuq https://church.mt/gozoapplications
- Mil-Ħamis 5 ta' Diċembru sal-Ħamis 12 ta' Diċembru 2024
- F'każ ta' diffikulta' fil-mili tal-applikazzjoni onlajn wieħed jista' jċempel fuq 22039360 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-9:00 a.m. u s-2:00 p.m.

6.4 Kull min japplika onlajn skont l-Ewwel Kriterju u ma jirċeviex *acknowledgement* tal-applikazzjoni sal-Ħadd 19 ta' Jannar 2025, għandu jikkuntattjana skont Paragrafu 11.5

6.5 **L-Applikazzjonijiet għal Kriterju 1h** u **"APPLIKANTI OĦRA"** (Kriterju 2) isiru:

- onlajn fuq: https://church.mt/gozoapplications
- Mit-Tlieta 4 ta' Frar sal-Ħamis 13 ta' Frar 2025
- Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel fuq 22039360 f'dawn il-ħinijiet mit-9:00am sas-2:00pm fil-ġranet tal-applikazzjonijiet, jiġifieri mit-Tlieta 4 ta' Frar sal-Ħamis 13 ta' Frar 2025.

6.6 **APPLIKAZZJONIJIET TARD skont Kriterju 1h u "Applikanti Oħra"** (Kriterju 2):

- onlajn fuq https://church.mt/gozoapplications
- Mil-Ħamis 20 ta' Frar sal-Ħamis 27 ta' Frar 2025
- F'każ ta' diffikulta' fil-mili tal-applikazzjoni onlajn wieħed jista' jċempel fuq 22039360 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-9:00 a.m. u s-2:00 p.m.

6.7 Kull min japplika onlajn skont it-Tieni Kriterju "Applikanti Oħra" u **Kriterju 1h**, u ma jirċeviex *acknowledgement* tal-applikazzjoni sat-Tlieta 18 ta' Marzu 2025, għandu jikkuntattjana skont paragrafu 11.5.

6.8 **Għal kull tifel / tifla** trid isir applikazzjoni waħda biss. Fil-każ ta' **tewmin / *triplets* / ulied imwielda fl-istess sena,** trid issir applikazzjoni għal kull tifel / tifla.

6.9 Fil-każ ta' ulied imwielda fl-istess sena, l-aħwa jistgħu jinkitbu fl-istess skola jekk hemm postijiet vakanti. Dan isir billi t-tifel / tifla li j / tiġi lura fil-polza j / tingħata l-istess numru ta' dak li j / tkun ġie / ġiet qabel.

Sabiex dan iseħħ huwa neċessarju li fuq il-formola tal-applikazzjoni ta' kull wieħed mill-aħwa jrid jiġi ddikjarat min hu ħuh. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni ma jiġix applikat il-Kriterju tal-Aħwa. Dan japplika anke fil-każ ta' aħwa bniet.

6.10 Isir ħlas ta €25 għal kull applikazzjoni sabiex jitħallsu l-ispejjeż amministrattivi. Il-ħlas isir onlajn permezz ta' Visa Card.

7.0 **Informazzjoni u dokumenti meħtieġa mal-applikazzjoni**

7.1 **Waqt l-applikazzjoni onlajn ikun hemm bżonn li tagħti din l-informazzjoni:**

Isem u Kunjom tat-tifel / tifla, Numru tal-Karta tal-Identità tat-tifel / tifla, Data ta' Twelid tat-tifel / tifla, Ġeneru tat-tifel / tifla, Indirizz, Lokalità, u Kodiċi Postali, Numru tat-telefown tad-dar, Isem u Kunjom l-omm / il-missier / Kustodju 1 u / jew 2, Numru tal-Karta tal-Identità tal-omm / tal-missier / tal-Kustodju 1 u / jew 2, Mowbajl tal-omm / tal-missier / tal-Kustodju 1 u / jew 2, Imejl tal-omm jew tal-missier jew tal-Kustodju 1 u / jew 2.

7.2 Waqt l-applikazzjoni onlajn ikun hemm bżonn li jittella' dan id-dokument:
Ċertifikat tat-Twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tat-tifel / tifla.

7.3 Waqt l-applikazzjoni l-ġenituri / kustodji jiġu mitluba juru l-kunsens tagħhom mad-Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Din id-Dikjarazzjoni tista' taraha jew tniżżilha minn www.knisja.mt. Il-ġenituri / kustodji jiġu mitluba jindikaw jekk iridux li jiġu notifikati jekk l-Uffiċċju tad-Dħul ikollu bżonn jikkuntatja lill-iskola tat-tfal tagħhom.

**Informazzjoni Meħtieġa skont il-Kriterju tal-applikazzjoni**

7.4 Għal min qed japplika bil-Kriterju tal-impjegati (1b, 1d) għandu jindika ma' liema skola jaħdem jew jekk jaħdimx mas-Segretarajat għall-Edukazzjoni Nisranija. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola u mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija.

7.5 Għal min qed japplika bil-Kriterju tal-aħwa (1c) għandu jindika f'liema skola jattendu l-aħwa. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola. Għandu jittella' ukoll ċertifikat tat-Twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tal-aħwa li jinsabu fi skola tal-Knisja f'Għawdex.

7.6 Jekk inti mill-Għasri u qed tapplika bil-kriterju (1f) għal post ġewwa Laura Vicuna ikun hemm bżonn li titellà kopja tal-karta tal-Identità ta' wieħed mill-ġenituri / kustodji u dikjarrazzjoni li t-tfal jgħixu l-Għasri, iffirmata minn professjonist (p.eż. nutar, saċerdot, għalliem) li jkun ilu jaf lil xi ħadd mill-ġenituri / kustodji ta' lanqas sentejn. Din id-Dikjarazzjoni tista titniżżel minn www.knisja.mt.

7.7 Għal min qed japplika bħala każ soċjali jew tal-Ażil (1e) għandu jtella' dokumenti u / jew ċertifikati rilevanti li jispjegaw il-każ u f'liema skola jixtieq jattendi.

7.8 Fejn il-ġenituri / kustodji huma separati jew fil-każ ta' tuturi, meħtieġ dokument legali li jindika l-kustodja tat-tifel / tifla. Ma hemmx bżonn id-dokument kollu tas-separazzjoni imma l-parti li titratta l-kustodja tat-tfal. Meta l-Qorti ddeċidiet li l-kustodja u / jew l-edukazzjoni tal-ulied hija konġunta, allura hemm bżonn il-kunsens taż-żewġ ġenituri / kustodji.

7.9 F'każ ta' applikazzjonijiet skont paragrafi 1c ii, iii u iv hemm bżonn:

- Fotokopja tal-Karta tal-Identità taż-żewġ ġenituri / kustodji;
- Id-dokumenti tal-kustodja **U**
- Id-dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar (ara paragrafu 1ċ)

7.10 **F'każ li t-tfal għandhom is-sapport tella':**

i. L-i*Statement of Needs* maħruġ mill-i*Statementing Moderating Panel* u l-IEP

ii. Meta l-każ għadu mhux konkluż mal-i*Statementing Moderating Panel* tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, tiġi pprężentata kopja tal-applikazzjoni

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

għand l-i*statementing board* jew l-aħħar rapport dwar il-bżonnijiet tat-tifel / tifla mingħand psikologu edukattiv

iii. Min ikun għadu ma ġiex *statemented* jintalab li jippreżenta l-i*Statement of Needs* meta dan jingħata.

7.11 Dokumenti li ma jiġux sottomessi waqt l-applikazzjoni għandhom jiġu sottomessi onlajn permezz ta' din il-ħolqa: https://knisja.mt/forms/csg-missing-documents/. Ikun hemm bżonn li tniżżel in-numru tal-applikazzjoni kif ukoll il-passcode.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, id-dokumenti kollha tal-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju għandhom jiġu sottomessi sal-31 ta' Jannar 2025 u d-dokumenti kollha tal-applikazzjonijiet tat-Tieni Kriterju għandhom jiġu sottomessi sal-11 ta' April 2025. F'każ li dan ma jsirx, l-applikazzjoni tkun **invalida**.

## 8.0 Polza

8.1 It-**tlugħ tal-polza onlajn** isir nhar it-**Tlieta, 25 ta' Marzu 2025,** u tibda fid-9.00 a.m. Il-polza tkun aċċessibli minn www.knisja.mt.

8.2 Ir-riżultat tal-poloz jkun ippublikat online fuq www.knisja.mt.

## 9.0 Għażla ta' Skola

9.1 Nhar il-**Ġimgha, 4 ta' April 2025,** l-applikanti li ħadu sehem fil-polza jagħmlu l-għażla ta' skola skont ir-riżultat tal-polza tagħhom. L-għażla ta' skola tibda fid-9:00 a.m u tiġi trasmessa *live* fuq www.knisja.mt.

9.2 Huwa obbligatorju li dak inhar tal-Għażla ta' Skola il-ġenituri / kustodji jkunu disponibbli fil-ġurnata u l-ħin muri hawn fuq sabiex jagħmlu l-għażla meta jkun imisshom. Inċemplu persuna wara l-oħra skont l-ordni stabbilit fil-polza tal-għażla. Hija r-responsabiltà tal-ġenituri / kustodji li jkunu disponibbli għal din ir-reġistrazzjoni ta' skola jew li jawtorizzaw lil xi ħaddieħor minflokhom.

9.3 F'każ li ma nagħmlux kuntatt mal-ġenituri / kustodji li jkun imisshom, it-telefonati jkomplu għaddejjin. Minn ħin għall-ieħor nerġgħu nippruvaw nikkuntatjawhom. Dawn il-ġenituri / kustodji jkunu jistgħu iċemplulna fuq 79515491. Min ma jweġibx it-telefown x'ħin ikun imissu, ikun jista' jagħmel l-għażla meta naqbduh iżda ma jkollux dritt iħassar l-għażliet li jkunu laħqu saru. Jekk din il-proċedura ma sseħħx ma jitqisx bħala xi nuqqas min-naħa tal-Bord tad-Dħul.

9.4 L-għażla tal-ġenituri / kustodji li jiddeċiedu li ma jibagħtux lil uliedhom f'xi skola tal-Knisja tkun reġistrata bħala "*No Choice*".

9.5 Wara l-għażla ta' skola, il-proċess tar-Reġistrazzjoni jkompli permezz ta' imejl.

9.6 Jekk wara li tagħlaq is-sessjoni ta' reġistrazzjoni jkun baqa' postijiet vakanti, eventwalment, jissejjaħ min imissu.

## 10.0 Il-*Waiting List*

10.1 Hekk kif il-postijiet fl-iskejjel ikunu mtlew kollha, l-applikanti li ma jkunux għażlu skola jibqgħu fil-*waiting list,* skont l-ordni li biha telgħu fil-polza. Jekk jitbattal post f'xi skola dan jiġi offrut lil min imissu fil-*waiting* list. Min ikun għażel skola ma jistax jkun fil-waiting list ukoll.

10.2 L-applikanti li applikaw taħt kriterju 1h u ma ġewx registrati fl-iskola li kienu eliġibli għaliha jitpoġġew fil-bidu tal-*waiting list* skont il-kriterju li kienu eliġibli għalih u skont il-ġerarkija tal-kriterji u skont l-ordni tal-polza. Eżempju, jekk ikun hemm applikanti tal-1h tal-Impjegati u tal-1h tal-Aħwa, tal-Impjegati jiġu qabel. Jekk ikun hemm aktar minn applikant wieħed tal-Impjegati, l-ewwel jiġi dak li jkun ġie l-aktar il-quddiem fil-polza.

Jekk jinqala' xi post vakanti, dawn l-applikanti jiġu kkuntatjati qabel dawk l-applikanti li ħadu sehem fil-polza bħala "Applikanti Oħra" biss.

11.0 **Tagħrif ieħor**

11.1 Il-ġenituri / kustodji li jagħżlu li uliedhom jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja jkunu qed jiddikjaraw li wliedhom se jsegwu l-*ethos* tal-iskejjel tal-Knisja. Ma jiġix offrut suġġett ieħor flok it-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika bħala suġġett akkademiku.

11.2 Tfal irreġistrati fi skola tal-Knisja huma obbligati li jattendu regolarment l-iskola rreġistrati fiha mill-bidu tas-sena skolastika li għaliha jkunu applikaw.

11.3 Tista' tingħata eżenzjoni mill-attendenza f'każ ta' ġenituri / kustodji li se jkunu barra minn Għawdex għal xi raġuni serja, bħal xogħol, mard jew studju għal perijodu ta' sena skolastika minn meta t-tfal suppost jibdew jattendu l-iskola. Sabiex iseħħ dan, il-ġenituri / kustodji għandhom jiktbu lill-Bord tad-Dħul sabiex jinfurmawh b'din il-ħtieġa tagħhom, iż-żmien tal-permanenza, u jibagħtu dokumentazzjoni relevanti li tipprova li huma se jkunu barra minn Għawdex għal xi raġuni serja.

Tista' tintalab eżenzjoni għat-tieni sena skolastika billi l-ġenituri / kustodji jerġgħu jiktbu lill-Bord u jagħtu d-dettalji meħtieġa. Il-Bord jiddeċiedi kull każ skont il-merti tiegħu. Il-Bord jinforma lill-ġenituri bid-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali. Il-post ma jibqax riservat jekk it-tfal eżentati ma jibdewx jattendu l-iskola saż-żmien stipulat.

11.4 Kull informazzjoni li l-ġenituri / kustodji jagħtu lill-Bord tad-Dħul dwarhom u dwar uliedhom u li skont l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data hija "data personali", tiġi pproċessata biss skont l-Att imsemmi. Aktar tagħrif dwar il-Protezzjoni tad-Data jista' jinkiseb mill-websajt: www.knisja.mt**.**

11.5 Tista' tikkomunika mal-Bord u mal-Uffiċju tad-Dħul f'dan l-indirizz elettroniku: gozo.admissions@maltadiocese.org jew tista' ċċempel fuq 2203 9360.

11.6 Dawn ir-Regolamenti japplikaw hekk kif huma miktubin għas-sena skolastika 2025-2026 biss. Jista' jkun li fil-futur jinbidlu. Jista' jkun li fil-futur tinbidel ukoll is-sitwazzjoni tal-iskejjel. Għalhekk mhux garantit li l-opportunitajiet preżenti jkunu jeżistu wkoll fil-futur. Jistgħu jibqgħu l-istess, jonqsu jew jiżdiedu.

11.7 **Wara l-istadju tal-applikazzjoni, kull bidla fiċ-ċirkustanzi tal-applikant għandha tiġi mgħarfa lil Uffiċċju Dħul Skejjel tal-Knisja. Fin-nuqqas ta' dan l-applikazzjoni tista' tiġi nvalida.**

11.8 **Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.**

11.9 Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.knisja.mt. Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni tal-applikanti minn dan il-proċess jew tat-tfal mill-iskola f'każ li jkunu ġa reġistrati, kif ukoll għal azzjonijiet oħra. Min jixtieq jagħmel xi allegazzjoni ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti għandu jagħmel dan skont il-Proċeduri msemmija. L-allegazzjonijiet għandhom ikunu ndirizzati lid–Direttur Ġenerali għall-Edukazzjoni Nisranija, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Il-Mall, Floriana FRN 1472 numru tat-telefown 2779 0060, imejl: ian.mifsud@maltadiocese.org.